IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.10.2020
COM(2020) 954 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Valutazzjoni tal-2020 tal-progress li sar mill-Istati Membri lejn l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija 2012/27/UE u lejn il-varar ta' binjiet b'użu ta' kważi żero enerġija u ta' rekwiżiti minimi kostottimali tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fl-UE f'konformità mad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija

1. Daħla

Dan ir-rapport ta' progress huwa ppreżentat mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 24(3) tad-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/2002 ("id-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija" jew l-"EED"), u f'konformità mal-Artikolu 35 tar-Regolament dwar il-Governanza (UE) 2018/1999. Dan huwa l-aħħar rapport skont l-EED, peress li l-Artikolu 24(3) mhux se jibqa' japplika mill-1 ta' Jannar 2021. Ir-rapportar kollu dwar il-progress f'diversi oqsma tal-politika dwar l-effiċjenza enerġetika se jiġi sostitwit bl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

Peress li dan ir-rapport jgħaqqad żewġ obbligi ta' rapportar, għandu format differenti minn dak tas-snin preċedenti. Barra minn hekk, fih: (i) rapportar ġdid dwar is-settur tal-bini, jiġifieri informazzjoni dwar l-użu tal-għadd ta' binjiet b'użu ta' kważi żero enerġija (NZEBs) skont l-Artikolu 9(5) tad-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (id-"Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija" jew l-"EPBD"); u (ii) aġġornament qasir dwar il-livelli kostottimali tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment tal-binjiet fl-użu tal-enerġija, skont l-Artikolu 5(4) tad-Direttiva 2010/31/UE.

Ir-rapport għalhekk jibni prinċipalment fuq: (i) l-informazzjoni pprovduta fir-rapporti annwali ppreżentati mill-Istati Membri fl-2020[1]; (ii) ir-rapporti ta' kalkolu kostottimali ppreżentati mill-Istati Membri fl-2018 u fl-2019[2]; u (iii) aktar informazzjoni rilevanti relatata mas-settur tal-bini.

Ir-rapport dwar l-effiċjenza enerġetika tal-2019[3] adottat aktar kmieni din is-sena kien ikopri d-*data* tal-Eurostat sal-2018 u l-ebda *data* ġdida ma kienet disponibbli[4] fiż-żmien tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-rapport. Għal dawn ir-raġunijiet, l-analiżi tal-progress lejn il-miri għall-2020 ma nbidlitx f'dan ir-rapport meta mqabbla mar-rapport preċedenti u ma ġietx ripetuta. Minflok, żdiedet perspettiva li tħares 'il quddiem billi tagħti ħarsa lejn il-progress lejn il-miri għall-2030.

2. Sommarju tas-sejbiet

Ir-rapport iħares lejn l-EU-28 u jkopri d-*data* u l-informazzjoni supplimentari sal-2018. L-analiżi tal-progress lejn il-miri għall-2030 tħares lejn l-EU-27.

Is-sejbiet ewlenin huma kif ġej.

- Il-konsum tal-enerġija primarja naqas b'0,6 % fl-2018 meta mqabbel mal-2017. Il-konsum finali tal-enerġija żdied sena wara sena b'0,1 %. Minkejja dan, iż-żewġ indikaturi huma 'l fuq mit-trajettorja fissa għall-miri għall-2020.

---

[1] https://ec.europa.eu/energy/topics/energy-efficiency/targets-directive-and-rules/national-energy-efficiency-action-plans_en

[2] https://ec.europa.eu/energy/topics/energy-efficiency/energy-performance-of-buildings/energy-performance-buildings-directive/eu-countries-2018-cost-optimal-reports_en?redir=1

[3] COM(2020) 326 final

[4] Iċ-ċifri riveduti mill-Eurostat (l-aħħar estrazzjoni f'Lulju 2020) juru bidliet żgħar meta mqabbla maċ-ċifri użati fir-rapport tal-2019 u ma jbiddlux l-analiżi ppreżentata f'dak ir-rapport.

- Fl-2018 il-konsum tal-enerġija kompla jiġi xprunat mit-tkabbir ekonomiku.
- L-iskemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika jibqgħu għodda effettiva biex jinkiseb l-iffrankar enerġetiku. Għalkemm il-progress aggregat lejn l-iffrankar kumulattiv skont l-Artikolu 7 tal-EED fl-2018 jidher li huwa suffiċjenti, hemm tnax-il Stat Membru li x'aktarx ma jilħqux il-miri tagħhom.
- Id-*data* parzjali u preliminari għall-2020 tindika li l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 affettwa b'mod sinifikanti d-domanda għall-enerġija. B'riżultat ta' dan, il-miri tal-effiċjenza enerġetika għall-2020 jistgħu jintlaħqu minkejja li ma kienx hemm biżżejjed miżuri fis-seħħ qabel il-kriżi. Madankollu, din hija mistennija li tkun sitwazzjoni temporanja, minħabba li t-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija ma kienx xprunat minn miżuri strutturali. Mingħajr miżuri klimatiċi mmirati, l-irkupru ekonomiku x'aktarx iġib lura l-konsum tal-enerġija lejn il-livelli ta' qabel il-kriżi tal-COVID-19.
- Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri adottaw l-approċċ kostottimali b'mod xieraq u użawh biex jistabbilixxu rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għal binjiet ġodda u eżistenti u l-NZEBs.
- Is-sehem tal-NZEBs fis-suq totali tal-kostruzzjoni żdied, iżda r-rekwiżiti tal-NZEB fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi għadhom inqas ambizzjużi mill-valuri referenzjali tal-Kummissjoni tal-2016. Madankollu, kważi nofs l-Istati Membri stabbilew rekwiżiti tal-NZEB ferm aktar ambizzjużi meta mqabbla mal-livelli kostottimali għal binjiet ġodda.

3. Il-progress lejn il-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-UE

3.1. Il-miri tal-EU-28 għall-2020

Iċ-ċifri riveduti tal-Eurostat għall-2018[5] jindikaw li l-konsum tal-enerġija finali[6] fl-EU-28 naqas b'5.9 %, minn 1194 miljun tunnellata ta' ekwivalent taż-żejt (Mtoe) fl-2005 għal 1124 Mtoe fl-2018. Dan għadu 3,5 % ogħla mill-mira tal-konsum finali tal-enerġija għall-2020 ta' 1086 Mtoe. Fl-2018, dan żdied b'0,1 % meta mqabbel mas-sena ta' qabel. Il-konsum tal-enerġija primarja[7] fl-EU-28 naqas b'9,8 %, minn 1721 Mtoe fl-2005 għal 1552 Mtoe fl-2018. Dan huwa 4,6 % ogħla mill-mira għall-2020 ta' 1483 Mtoe. Wara tliet snin ta' żieda, fl-2018 ġie rreġistrat tnaqqis sena wara sena ta' 0,6 % fil-konsum tal-enerġija primarja. Għaż-żewġ indikaturi, ix-xejra fl-2018 kienet ogħla minn trajettorja lineari għall-miri għall-2020.

Fl-2018, ġie nnotat konsum ogħla ta' enerġija prinċipalment fit-trasport (żieda sena wara sena ta' +1,0 % meta mqabbel mal-2017) u fis-setturi tal-industrija (+0,8 %). Min-naħa l-oħra, il-konsum tal-enerġija naqas fis-settur residenzjali (-1,7 %) u fis-settur tas-servizzi (-1,4 %).[8]

---

[5] https://ec.europa.eu/eurostat/documents/38154/4956218/Energy-Balances-April-2020-edition.zip/69da6e9f-bf8f-cd8e-f4ad-50b52f8ce616

[6] Biex jiġi mmonitorjat il-progress lejn il-kisba tal-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-Ewropa 2020 jintużaw indikaturi mill-bilanċi tal-enerġija tal-Eurostat f'konformità mal-metodoloġija sal-2018 (FEC 2020-2030 u PEC 2020-2030).


[7] *Idem* 6

[8] L-iżviluppi f'setturi speċifiċi ma nbidlux meta mqabbla mal-aħħar rapport. Għal informazzjoni addizzjonali ara l-Kapitolu 5 tar-Rapport ta' Progress tal-2019 COM (2020) 326 final

3.2. Il-miri tal-EU-27 għall-2030

Il-progress insuffiċjenti lejn il-miri għall-2020 sal-2018 għandu wkoll konsegwenzi negattivi fuq il-livell tal-isforzi meħtieġa biex jintlaħqu l-miri għall-2030[9]. Minħabba d-distakk attwali fit-twettiq, id-distanza mill-miri għall-2030 hija akbar milli mistenni u hija ta' 22 % għall-konsum tal-enerġija primarja u 17 % għall-konsum finali tal-enerġija (Figura 1). Barra minn hekk, il-valutazzjoni madwar l-UE kollha tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima (NECPs)[10] tidentifika distakk kollettiv fl-ambizzjoni tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali. B'riżultat ta' dan, l-Istati Membri se jkollhom iżidu l-isforzi tagħhom b'mod sinifikanti fid-deċennju li ġej biex jilħqu l-miri għall-2030 ta' mill-inqas 32,5 %. Dan huwa partikolarment importanti jekk l-irkupru wara l-COVID-19 iwassal għal ritorn għal-livelli preċedenti fil-konsum tal-enerġija. Barra minn hekk, iż-żieda fl-ambizzjoni klimatika, kif imħabbra fil-Pjan ta' Mira Klimatika għall-2020[11], se teħtieġ ukoll sforzi ferm ogħla fl-effiċjenza enerġetika li jmorru lil hinn mil-livell attwali tal-miri għall-2030 (tnaqqis ta' 36-37 % fil-konsum finali tal-enerġija u tnaqqis ta' 39-41 % fil-konsum tal-enerġija primarja).

Figura 1: Progress lejn il-miri għall-2030 fil-livell tal-EU27



Sors: *Data* tal-Eurostat, il-kalkoli proprji tad-DĠ ENER

[9] Wara l-Brexit, il-miri tal-effiċjenza enerġetika għall-2030 se jkopru 27 Stat Membru.
[10] COM(2020) 564 final
[11] COM(2020) 562 final

3.3. L-impatt tal-COVID-19 fuq il-konsum tal-enerġija s'issa

L-impatt tal-COVID-19 fuq il-konsum tal-enerġija fl-2020 se jkun sinifikanti. Fl-ewwel trimestru tal-2020, il-konsum tal-gass tal-UE naqas b'5 % meta mqabbel mal-Q1 2019, l-aktar minħabba ħtiġijiet limitati ta' tisħin minħabba: (i) it-temp xitwi moderat; (ii) it-tnaqqis fl-użu tal-gass fil-ġenerazzjoni tal-enerġija; u (iii) l-introduzzjoni ta' miżuri ta' lockdown f'Marzu, li wasslu għal tnaqqis fil-PDG u inqas domanda industrijali għall-gass.[12] Il-konsum tal-elettriku fl-UE naqas b'3,2 % sena wara sena fil-Q1 2020, xprunat b'mod simili mit-temp sħun fl-ewwel nofs tal-perjodu ta' referenza u l-bidu tar-restrizzjonijiet relatati mal-COVID-19. Il-konsum tal-elettriku fl-unitajiet domestiċi żdied hekk kif popolazzjonijiet kbar qattgħu aktar ħin fid-dar. Madankollu, din iż-żieda ma kkumpensatx għal tnaqqis konsiderevoli fid-domanda mis-setturi kummerċjali u industrijali.[13] B'riżultat ta' dan, il-konsum tal-elettriku matul ix-xhur meta l-miżuri ta' lockdown kienu fis-seħħ kien ferm aktar baxx mill-istess xhur fis-sena ta' qabel (b'4,3 % f'Marzu, 11,8 % f'April, 10,5 % f'Mejju u 7,6 % f'Ġunju).[14]

Bl-istess mod, il-konsum tal-enerġija fit-trasport naqas ukoll għal livelli mingħajr preċedent bħala riżultat tal-miżuri ta' lockdown. Skont l-AIE, it-trasport bit-triq fl-Ewropa niżel għal 38 % tal-livell tiegħu tal-2019 sal-aħħar ta' Marzu 2020. It-tnaqqis globali fl-attività globali tat-trasport bit-triq wassal għal tnaqqis ta' 57 % fid-domanda globali għaż-żejt.[15] Il-Forum Internazzjonali tat-Trasport jistma li r-restrizzjonijiet fuq il-mobbiltà għat-trażżin tal-COVID-19 jistgħu jnaqqsu t-trasport globali tal-merkanzija b'sa 36 % sa tmiem l-2020[16]. L-ivvjaġġar bl-ajru f'ċerti reġjuni kważi waqaf, bl-attività tal-avjazzjoni f'xi pajjiżi Ewropej tonqos b'aktar minn 90 %. Sal-aħħar ta' Awwissu, it-traffiku tal-ajru fl-Ewropa kien aktar minn 50 % taħt il-livelli tas-sena preċedenti.[17]

4. Progress lejn il-miri nazzjonali tal-effiċjenza enerġetika

Xi Stati Membri kkomunikaw reviżjonijiet 'il fuq (tnaqqis tal-ambizzjoni) tal-miri nazzjonali tagħhom għall-2020 (id-Danimarka, Spanja, l-Ungerija). Wara dawn l-aġġornamenti, is-somma tal-miri nazzjonali tal-konsum assolut għall-2020 hija ta' 1536.8 Mtoe fil-konsum tal-enerġija primarja u 1084.3 Mtoe fil-konsum finali tal-enerġija. Fl-2018 il-progress lejn il-miri indikattivi (jekk wieħed jassumi trajettorja lineari) kien insuffiċjenti fi tnax-il pajjiż (il-Belġju, il-Bulgarija, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Irlanda, Spanja, Franza, Ċipru, l-Awstrija, in-Netherlands, il-Polonja u l-Iżvezja) għall-konsum tal-enerġija primarja u fi ħmistax-il pajjiż (il-Belġju, il-Bulgarija, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, Franza, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, l-Awstrija, il-Polonja, is-Slovakkja, l-Iżvezja u r-Renju Unit) għall-konsum finali tal-enerġija (ara t-Tabella 3).

L-Istati Membri indikaw li l-konsum finali stabbli tal-enerġija u dak li kien qed jikber fl-2018 kien xprunat minn tkabbir ekonomiku u żieda: (i) fil-produzzjoni/ il-valur miżjud (l-industrija); (ii) fit-trasport ta' passiġġieri u merkanzija (it-trasport); (iii) fl-għadd ta' unitajiet

[12] https://ec.europa.eu/energy/sites/ener/files/quarterly_report_on_european_gas_markets_q1_2020.pdf
[13] https://ec.europa.eu/energy/sites/ener/files/qr_electricity_q1_2020.pdf
[14] https://ec.europa.eu/eurostat/en/web/products-eurostat-news/-/DDN-20200907-1?inheritRedirect=true&redirect=/eurostat/en/news/whats-new
[15] https://www.iea.org/reports/global-energy-review-2020/oil#abstract
[16] https://www.itf-oecd.org/sites/default/files/global-freight-covid-19.pdf
[17] https://www.eurocontrol.int/covid19

domestiċi u l-introjtu disponibbli (residenzjali); u (iv) fil-valur miżjud u l-impjiegi (is-servizzi).

5. EED — Is-sitwazzjoni attwali

5.1. Aġġornamenti dwar it-traspożizzjoni tal-EED riveduta

Wara l-emenda tal-EED f'Diċembru 2018[18], l-Istati Membri huma obbligati jittrasponu regoli ġodda dwar l-iskemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika (jiġifieri l-Artikoli 7, 7(a) u 7(b) ġodda sal-25 ta' Ġunju 2020. Sal-31 ta' Awwissu 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifiki minn tlettax-il Stat Membru biss (l-Awstrija, il-Kroazja, iċ-Ċekja, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Polonja, Spanja u l-Iżvezja) u r-Renju Unit. Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira ta' dawn in-notifiki huma parzjali, li jfisser li xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva għadhom ma ġewx trasposti jew innotifikati.

Sal-25 ta' Ottubru 2020, l-Istati Membri għandhom jittrasponu wkoll regoli ġodda dwar il-kejl u l-kontijiet (jiġifieri, l-Artikoli ġodda 9, 9(a), 9(b) u 9(c), 10 u 10(a) u fl-aħħar nett 11 u 11(a) u Anness VII(a) ġdid. Sal-31 ta' Awwissu, ħames pajjiżi nnotifikaw ukoll it-traspożizzjoni tagħhom ta' dawn ir-regoli l-ġodda (id-Danimarka, Spanja, Franza, l-Italja u l-Litwanja).

Sal-mument tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-rapport, l-Istati Membri kollha, minbarra l-Latvja, ippreżentaw ir-rapporti annwali tagħhom tal-2020 kif meħtieġ skont l-Artikolu 24 tal-EED[19]. Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) analizza dawn ir-rapporti annwali f'dokument separat[20].

5.2. Il-progress skont l-Artikolu 7 (l-obbligu tal-iffrankar enerġetiku)

Skont l-Artikolu 7, l-Istati Membri rrappurtaw l-iffrankar enerġetiku miksub għall-2014-2018 bħala parti mill-impenji tagħhom biex iwettqu l-obbligu nazzjonali tal-iffrankar enerġetiku għall-2014-2020. It-tabella 5 turi l-istat attwali tal-progress tal-Istati Membri lejn l-iffrankar enerġetiku kumulattiv meħtieġ sal-31 ta' Diċembru 2020. Sa tmiem l-2018, l-Istati Membri kisbu madwar 58 % (133.83 Mtoe[21]), aggregati fil-livell tal-UE, tas-somma tal-obbligi kumulattivi tal-iffrankar tal-enerġija fl-użu finali għall-2014–2020 (230.17 Mtoe).

Biex titbassar il-probabbiltà għall-ksib tal-iffrankar enerġetiku kumulattiv meħtieġ għal kull Stat Membru sal-31 ta' Diċembru 2020, is-suppożizzjoni bażika hija li l-miżuri kollha ta' politika implimentati jkomplu jagħtu ffrankar annwali ġdid fl-2019 u fl-2020 kif għamlu fl-2018. L-iffrankar enerġetiku kumulattiv imbagħad jitqabbel mal-iffrankar enerġetiku meħtieġ sal-31 ta' Diċembru 2020 għal kull Stat Membru.

It-tabella 6 turi l-projezzjonijiet għal kemm huwa probabbli li kull Stat Membru jikseb l-iffrankar enerġetiku kumulattiv meħtieġ għal kull Stat Membru sal-31 ta' Diċembru 2020. Din l-analiżi ma tqisx it-tħassib potenzjali dwar l-eliġibbiltà, l-addizzjonalità u l-materjalità. Barra minn hekk, huma diffiċli biex jiġu vvalutati l-impatti possibbli tal-kriżi tal-COVID-19 fuq l-

[18] Id-Direttiva 2018/2002

[19] Ir-rapporti tal-Kroazja u l-Portugall ġew ippreżentati tard wisq biex jiġu inklużi f'din l-analiżi.

[20] Tsemekidi-Tzeiranaki, S., Paci, D. et al. (2020), *Analysis of the annual reports 2020 under the Energy Efficiency Directive*, Rapport Tekniku tal-JRC.


[21] Din iċ-ċifra tista' tiġi riveduta ladarba tkun disponibbli *data* dwar iffrankar ġdid fl-2018 mil-Latvja u l-Portugall.

ammont ta' ffrankar annwali ġdid miksub fl-2020. Qed jitqies l-iffrankar enerġetiku kollu li ġie rrappurtat mill-Istati Membri.

Hemm seba' Stati Membri (il-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Portugall, ir-Rumanija) li x'aktarx mhux se jiksbu l-ammont meħtieġ ta' ffrankar enerġetiku sal-31 ta' Diċembru 2020, jekk ma jiħdux azzjonijiet addizzjonali. Ħamsa oħra (l-Estonja, il-Greċja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja) x'aktarx li ma jiksbux l-ammont meħtieġ ta' ffrankar enerġetiku mingħajr azzjonijiet addizzjonali. U s-sittax-il Stat Membru li jifdal x'aktarx jew probabbli ħafna li jiksbu l-ammont meħtieġ ta' ffrankar enerġetiku kumulattiv.

Dwar l-iffrankar enerġetiku miksub minn kull tip ta' miżura ta' politika implimentata, is-sistemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika jikkontribwixxu għal madwar 35 % tal-iffrankar, filwaqt li l-iskemi ta' finanzjament jikkontribwixxu biss għal madwar 13 % tal-iffrankar enerġetiku. It-taxxi fuq l-enerġija u t-taxxi fuq is-CO_2 jammontaw għal 16 % tal-iffrankar enerġetiku totali miksub.


Figura 2: Is-sehem tal-iffrankar enerġetiku rrapportat skont it-tip ta' miżura ta' politika fil-livell tal-UE



Sors: Kalkoli proprji tad-DĠ ENER ibbażati fuq ir-rapporti annwali nazzjonali tal-2020.

Dwar is-setturi fil-mira tal-miżuri ta' politika implimentati, l-akbar sehem ta' ffrankar enerġetiku rrappurtat mill-Istati Membri jirriżulta minn miżuri trażversali, li ma jistgħux jiġu attribwiti għal settur wieħed (Figure 33). Il-biċċa l-kbira tal-miżuri (skont l-għadd ta' miżuri rrappurtati) huma mmirati lejn is-servizzi u l-industrija, li jkopru l-biċċa l-kbira tal-kumpaniji (ħlief għall-kumpaniji tat-trasport) u s-settur pubbliku (ħlief għall-abitazzjonijiet li huma l-proprjetà ta' korpi pubbliċi, li huma inklużi fis-settur tal-unitajiet domestiċi privati).

Figura 3: Is-sehem tal-iffrankar irrappurtat mis-settur



Sors: Kalkoli proprji tad-DĠ ENER ibbażati fuq ir-rapporti annwali nazzjonali tal-2020.

Hemm 36 miżura ġdida rrappurtati għas-sena 2018 skont l-Artikolu 7. Minn dawn, 10 minnhom ġew implimentati kemm mir-Rumanija kif ukoll minn Spanja, 4 mill-Belġju u 3 mir-Rumanija. Kważi nofs il-miżuri l-ġodda skont l-Artikolu 7 kienu jaqgħu taħt il-kategorija "Fondi, inċentivi finanzjarji u fiskali" (47.2 %), segwiti minn "Miżuri oħra" (miżuri għas-settur tat-trasport, ftehimiet volontarji eċċ.) (27.8 %), "Regolamenti" (16.7 %), "Informazzjoni, edukazzjoni u taħriġ" (5.6 %) u "Tassazzjoni" (2.8 %).[22]

5.3. Il-progress skont l-Artikolu 5 (rwol eżemplari tal-binjiet użati minn korpi pubbliċi)

Meta mqabbel mal-2019, kien hemm livell simili ta' konformità mal-obbligi ta' rapportar. Sitt Stati Membri ma pprovdewx l-aġġornament mitlub dwar il-progress skont l-Artikolu 5 fl-2019: Il-Belġju, ir-Rumanija, id-Danimarka, Franza, il-Kroazja u n-Netherlands (l-aħħar erbgħa nnotifikaw il-kisbiet tagħhom għall-2018 iżda mhux għall-2019).

Fost l-Istati Membri b'rapporti disponibbli li għażlu l-approċċ standard[23], tliet Stati Membri biss kisbu l-miri annwali tagħhom għall-erja tal-art rinnovata. Dawn huma l-Bulgarija, il-Litwanja u l-Lussemburgu. Barra minn hekk, abbażi tad-*data* pprovduta, erba' pajjiżi ssodisfaw il-miri totali tagħhom għall-perjodu 2014–2019. Dawn huma Spanja, l-Italja, il-Lussemburgu u l-Litwanja. Fost l-Istati Membri li implimentaw l-approċċ alternattiv, tliet Stati Membri biss laħqu l-miri annwali tal-iffrankar enerġetiku tagħhom. Dawn huma l-Awstrija, il-Polonja u s-Slovakkja. Il-Kroazja u Franza laħqu l-miri tagħhom għall-2018. Fl-istess ħin, sitt pajjiżi pprovdew *data* li tippermetti li jiġi stabbilit li huma ssodisfaw il-mira totali tagħhom għall-2014–2019. Dawn huma l-Awstrija, il-Finlandja, l-Irlanda, is-Slovakkja,

[22] Tsemekidi-Tzeiranaki, S., Paci, D. et al. (2020), *op. cit.*

[23] L-approċċ standard jirreferi għall-miżuri meħuda għar-rinnovazzjoni ta' 3 % tal-erja totali tal-art ta' binjiet imsaħħna u/jew imkessħa ta' aktar minn 250 m^2 li huma proprjetà tal-gvern ċentrali u okkupati minnu li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti minimi tal-enerġija. L-approċċ alternattiv jirreferi għal miżuri kosteffettivi oħra meħuda biex jinkiseb iffrankar enerġetiku ekwivalenti.

il-Polonja u r-Renju Unit. Franza, il-Belġju, il-Kroazja u n-Netherlands issodisfaw il-mira totali tagħhom għall-perjodu 2014–2018.

6. Il-binjiet b'użu ta' kważi żero enerġija

Wara l-adozzjoni tal-EPBD fl-2010, li taħtha l-binjiet pubbliċi ġodda kollha jridu jkunu NZEB mill-31 ta' Diċembru 2018 u l-binjiet l-ġodda kollha mill-31 ta' Diċembru 2020, l-għadd ta' NZEBs u binjiet bi prestazzjoni għolja fl-Ewropa żdied b'mod sinifikanti mill-2012 għall-2016. Kważi 1,25 miljun binja nbnew jew ġew rinnovati skont l-istandards tal-NZEB (jew simili) matul dan il-perjodu, li l-biċċa l-kbira tagħhom kienu residenzjali. Is-sehem ta' NZEB fis-suq totali tal-kostruzzjoni żdied matul l-2012–2016 fl-UE minn 14 % fl-2012 għal 20 % fl-2016, bħala medja[24].

Ir-rekwiżiti tal-NZEB bħalissa huma 70 % aktar ambizzjużi mir-rekwiżiti minimi kostottimali tar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija. Dan inkiseb permezz ta' passi leġiżlattivi progressivi matul l-aħħar 10 snin.

Abbażi tal-aħħar informazzjoni disponibbli[25], 23 Stat Membru bħalissa għandhom fis-seħħ definizzjoni nazzjonali kompluta tal-NZEB. Għall-bqija tal-Istati Membri, id-definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi NZEB għadha qed tiġi żviluppata jew rieżaminata. Il-biċċa l-kbira tad-definizzjonijiet ipprovduti jinkludu indikatur tal-enerġija tal-użu tal-enerġija primarja, u tnax mid-definizzjonijiet jinkludu l-obbligu li jkopru sehem minimu tad-domanda għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli. Kważi nofs l-Istati Membri fasslu klassi tal-enerġija jew tikketta tal-enerġija ekwivalenti għar-rekwiżiti tal-NZEB. Barra minn hekk, nofs l-Istati Membri pprovdew il-valuri-U meħtieġa għall-ħitan, is-soqfa, l-art, it-twieqi u l-bibien.

Dwar il-livell ta' ambizzjoni għad-definizzjoni tal-NZEB, il-valuri tal-enerġija primarja tal-NZEB għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għandhom rekwiżiti inqas impenjattivi mill-valuri referenzjali rakkomandati mill-Kummissjoni[26] kemm fil-binjiet residenzjali kif ukoll f'dawk mhux residenzjali[27].


Figura 4: Tqabbil indikattiv tad-definizzjonijiet tal-NZEB għal djar għal familja waħda mal-valuri referenzjali rakkomandati mill-Kummissjoni

[24] Abbażi tal-istudju komprensiv tal-attivitajiet ta' rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini u l-użu tal-NZEBs fl-UE. https://ec.europa.eu/energy/studies/comprehensive-study-building-energy-renovation-activities-and-uptake-nearly-zero-energy_en?redir=1

[25] L-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, il-valutazzjoni tal-JRC u r-rapporti tal-"Azzjoni Konċertata tal-EPBD"


[26] Fl-2016, il-Kummissjoni ppubblikat rakkomandazzjonijiet għall-promozzjoni tal-NZEBs u l-aħjar prattiki biex tiżgura li, sal-2020, il-binjiet il-ġodda kollha jkunu NZEBs (C/2016/4392).

[27] Huwa importanti li wieħed jinnota li l-eteroġeneità taż-żoni klimatiċi u l-kundizzjonijiet nazzjonali tal-istokk tal-bini u l-approċċi differenti fil-metodoloġiji tal-kalkolu fost l-Istati Membri jipprevjenu milli jsir tqabbil dirett sħiħ. It-tqabbil fil-Figuri 4 u 5 huwa indikattiv u bbażat fuq suppożizzjonijiet rilevanti biex jiġu ffaċilitati l-kalkoli proprji tal-Kummissjoni.



Sors: Il-kalkoli tal-JRC stess ibbażati fuq ir-rapportar tal-Istati Membri

Figura 5: Tqabbil indikattiv tad-definizzjonijiet tal-NZEB għall-uffiċċji mal-valuri referenzjali rakkomandati mill-Kummissjoni



Sors: Il-kalkoli tal-JRC stess ibbażati fuq ir-rapportar tal-Istati Membri

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrapportaw ukoll numru ta' miżuri biex jiżdied l-għadd ta' NZEBs. Dawn il-miżuri huma prinċipalment: (i) regolatorji (standards tal-enerġija, l-istabbiliment ta' rekwiżiti, regolamenti u liġijiet tal-NZEB); (ii) finanzjarji (sussidji, għotjiet ta' rinnovazzjoni, programmi operazzjonali, inċentivi fiskali); (iii) informattivi (kampanji ta' informazzjoni, fuljetti u siti web); u (iv) edukattivi (taħriġ għall-inġiniera u l-arkitetti, pubblikazzjoni tal-linji gwida tal-NZEB). Bosta Stati Membri stabbilew ukoll miri fit-tul għall-implimentazzjoni tal-NZEB.

Hemm xi sinjali pożittivi fis-suq għal teknoloġiji ewlenin tal-NZEB. Pereżempju, xi Stati Membri stabbilew miri – jew adottaw miżuri finanzjarji jew fiskali – biex jiffavorixxu l-użu tal-pompi tas-sħana. Dan jista' jwassal għal żieda fl-installazzjonijiet tal-pompi tas-sħana fis-snin li ġejjin, u dan imbagħad jirriżulta fi tnaqqis sinifikanti (10-40 %) fil-kost tal-pompi tas-sħana fl-Ewropa bejn issa u l-2050. Xi Stati Membri jagħtu wkoll inċentivi għall-użu aktar mifrux ta' bojlers tal-bijomassa, li jistgħu potenzjalment inaqqsu l-kostijiet tagħhom b'10-20 % bejn issa u l-2050. Il-kost tas-sistemi ta' rkupru tas-sħana huwa mistenni wkoll li jonqos b'mod sinifikanti (b'35-60 %) bejn issa u l-2050. Barra minn hekk, huwa mistenni li l-kost tal-kolletturi solari termali se jonqos b'20-50 %, u li l-kost tal-fotovoltajċi se jonqos b'40-60 % fl-istess perjodu. Il-ħżin tal-enerġija se jkun aktar importanti fil-futur qrib u l-projezzjonijiet jindikaw li l-kost tal-batteriji stazzjonarji se jonqos għal madwar 65 %.

Jidher ċar ukoll li NZEB se jkollu rwol b'saħħtu biex itaffi kwistjonijiet ambjentali u soċjali bħall-faqar enerġetiku, l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni u l-aċċessibbiltà.[28]

7. Il-livelli kostottimali tar-rekwiżiti minimi għall-binjiet

L-EPBD teħtieġ li kull ħames snin l-Istati Membri jiżviluppaw kalkoli kostottimali biex jivverifikaw u jaġġornaw ir-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fis-seħħ. L-Istati Membri ppreżentaw l-ewwel ċiklu ta' rapporti kostottimali fl-2013 u t-tieni ċiklu ta' rapporti fl-2018[29]. L-istampa ġenerali għal dawn ir-rapporti hija li kemm għall-binjiet ġodda kif ukoll għal dawk eżistenti, l-għażla ta' metodoloġija kostottimali kienet approċċ effiċjenti għat-tmexxija tar-rekwiżiti eżistenti nazzjonali tar-rendiment fl-użu tal-enerġija lejn livelli kosteffiċjenti.

Għal **tipi ġodda ta' bini**, il-biċċa l-kbira tal-punti kostottimali naqsu bejn 50 u 100 kWh/m^2/fis-sena, b'medja ta' 80 kWh/m^2/fis-sena għas-settur residenzjali u 140 kWh/m^2/fis-sena għas-settur mhux residenzjali. Il-kostijiet globali assoċjati biex jintlaħqu dawn il-livelli spiss ikunu inqas minn EUR 1 500/m^2, b'medja ta' EUR 925/m^2 għas-settur residenzjali u EUR 800/m^2 għas-settur mhux residenzjali.

Għat-**tipi ta' bini eżistenti**, il-biċċa l-kbira tal-punti kostottimali naqsu bejn 75 u 175 kWh/m^2/fis-sena, b'medja ta' 130 kWh/m^2/fis-sena għas-settur residenzjali u 180 kWh/m^2/fis-sena għas-settur mhux residenzjali. Hawnhekk il-kostijiet globali huma normalment inqas minn EUR 600/m^2, b'medja ta' EUR 500/m^2 għas-settur residenzjali u EUR 385/m^2 għas-settur mhux residenzjali.

Tabella 1: Il-livelli kostottimali medji għal binjiet ġodda u eżistenti għal kull kundizzjoni klimatika

[28] Peress li l-effiċjenza fqira fl-użu tal-enerġija hija fattur ta' riskju ewlieni għall-faqar enerġetiku, l-NZEB jista' jkollu rwol ta' benefiċċju, b'mod partikolari fl-akkomodazzjoni soċjali u f'segmenti tas-suq tad-djar privati okkupati minn unitajiet domestiċi bi dħul baxx jew bi dħul medju aktar baxx – dment li jkunu jistgħu (xorta waħda) jaffordjaw jgħixu f'dawn l-abitazzjonijiet.

[29] Fl-2016, il-Kummissjoni ppubblikat rapport dwar il-progress mill-Istati Membri fl-ilħuq ta' livelli kostottimali tar-rekwiżiti minimi tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (COM/2016/0464 final). Bl-għajnuna tal-JRC, id-DĠ ENERĠIJA analizza u vvaluta l-kalkoli tal-2018. Ir-rapport sommarju qed jiġi ppubblikat: Zangheri, P. *et Al.*, Assessment of 2nd cost optimal calculations in the context of the EPBD, JRC 2020.

Klima	Dar ġdida għal familja waħda		Dar ġdida għal aktar minn familja waħda		Uffiċċju ġdid		Binjiet ġodda oħrajn mhux residenzjali	
	Enerġija primarja [kWh/m^2/fis-sena]	Kostijiet globali [EUR/m^2]	Enerġija primarja [kWh/m^2/fis-sena]	Kostijiet globali [EUR/m^2]	Enerġija primarja [kWh/m^2/fis-sena]	Kostijiet globali [EUR/m^2]	Enerġija primarja [kWh/m^2/fis-sena]	Kostijiet globali [EUR/m^2]
Kiesħa	77	1882	62	2 076	66	1 681	120	2481
Medja	83	590	80	551	130	591	176	558
Sħuna	81	887	105	698	221	648	423	607
Klima	Dar eżistenti għal familja waħda		Dar eżistenti għal aktar minn familja waħda		Uffiċċju eżistenti		Binjiet eżistenti oħrajn mhux residenzjali	
	Enerġija primarja [kWh/m^2/fis-sena]	Kostijiet globali [EUR/m^2]	Enerġija primarja [kWh/m^2/fis-sena]	Kostijiet globali [EUR/m^2]	Enerġija primarja [kWh/m^2/fis-sena]	Kostijiet globali [EUR/m^2]	Enerġija primarja [kWh/m^2/fis-sena]	Kostijiet globali [EUR/m^2]
Kiesħa	183	643	77	303	78	336	122	236
Medja	112	524	124	460	136	412	268	392
Sħuna	161	500	148	467	175	396	775	808

Sors: Il-kalkoli tal-JRC stess ibbażati fuq ir-rapportar tal-Istati Membri

Minn dan it-tqabbil, huwa interessanti li jiġi osservat li kważi fil-każijiet kollha, il-konsum tal-enerġija primarja assoċjat mal-livelli kostottimali huma aktar baxxi fir-reġjuni kesħin. Il-kostijiet globali huma normalment aktar baxxi fir-reġjuni sħan u medji, iżda hemm xi eċċezzjonijiet (binjiet u uffiċċji eżistenti b'aktar minn familja waħda). Dan jimplika li f'reġjuni aktar kesħin ir-rekwiżiti huma aktar stretti, filwaqt li aktar investimenti huma assoċjati ma' livelli ogħla ta' rendiment tal-enerġija.

It-tqabbil tal-livelli kostottimali bejn iż-żewġ ċikli ta' kalkolu fl-2013 u fl-2018 juri li l-Istati Membri stabbilew valuri aktar ambizzjużi fl-2018 għal kważi t-tipi kollha ta' bini.

Tabella 2: It-tnaqqis medju tal-livelli kostottimali miksuba mill-kalkoli tar-rapporti tal-Istati Membri fl-2013 u l-2018 għal binjiet ġodda u eżistenti


Medja tal-Istati Membri	Dar ġdida għal familja waħda	Dar ġdida għal aktar minn familja waħda	Uffiċċju ġdid	Dar eżistenti għal familja waħda	Dar eżistenti għal aktar minn familja waħda	Uffiċċju eżistenti
	-23 %	-23 %	-17 %	-17 %	-21 %	-9 %

Sors: Il-kalkoli tal-JRC stess ibbażati fuq ir-rapportar tal-Istati Membri

Skont it-tip ta' bini jew il-komponent li qed jiġi diskuss, ġew osservati lakuni akbar minn 15 % fi tlieta jew erba' Stati Membri biss[30].

[30] L-evalwazzjoni tad-distakki bejn il-livelli kostottimali kkalkulati u r-rekwiżiti fis-seħħ hija l-aktar pass importanti tal-kalkolu kollu, peress li għandha tipprovdi indikazzjonijiet utli għall-aġġornament tar-regolamenti eżistenti dwar ir-rendiment fl-użu tal-enerġija. Ir-rekwiżiti minimi nazzjonali tar-rendiment fl-użu tal-enerġija ma għandhomx ikunu aktar minn 15 % ogħla mill-eżitu tal-livelli kostottimali u għandu jitfassal pjan biex jitnaqqsu l-lakuni li ma jistgħux jiġu ġġustifikati sew.

Figura 6: Il-lakuna identifikata bejn il-livelli kostottimali kkalkulati u r-rekwiżiti fis-seħħ



Sors: Il-kalkoli tal-JRC stess ibbażati fuq ir-rapportar tal-Istati Membri

Ir-riżultati ppreżentati fiċ-ċifri ta' hawn fuq ma jistgħux jitqabblu bis-sħiħ, peress li l-Istati Membri huma liberi li jagħżlu għażliet differenti li jirriflettu l-kundizzjonijiet tas-suq nazzjonali (eż. li jieħdu perspettiva makroekonomika jew finanzjarja differenti).

Dwar it-tqabbil bejn il-livelli kostottimali u l-aħħar definizzjonijiet tal-NZEB, l-istampa ġenerali hija pjuttost pożittiva. Fil-fatt, kważi nofs l-Istati Membri introduċew rekwiżiti ta' NZEB li huma ferm aktar ambizzjużi mir-referenzi kostottimali, li jimplika li s-suq tal-kostruzzjoni huwa lest li jieħu passi lejn it-titjib tar-rendiment fl-użu tal-enerġija tal-istokk tal-bini futur.

8. Konklużjoni

Is-sejbiet ta' dan ir-rapport ta' progress tal-2020 mhumiex differenti ħafna mir-rapport preċedenti. Il-livell tal-isforz għall-iffrankar enerġetiku li sar fl-2018, meta ma jitqisux l-impatti tal-COVID-19, x'aktarx li ma jkunx biżżejjed biex jintlaħqu l-miri tal-2020. Għalkemm il-fatturi esterni ta' xitwa sħuna u tnaqqis sostanzjali fid-domanda għall-enerġija fl-2020 minħabba l-COVID-19 jistgħu jwasslu għall-kisba tal-miri tal-2020, il-politiki insuffiċjenti fis-seħħ se jkollhom jiġu kkumpensati biex jintlaħqu l-miri tal-2030. Barra minn hekk, l-irkupru sussegwenti mill-pandemija huwa mistenni li jwassal għal irkupru fid-domanda għall-enerġija, u hemm riskju li l-implimentazzjoni ta' politiki ġodda u politiki mħabbra fl-NECPs u l-istrateġiji nazzjonali ta' rinnovazzjoni fit-tul tista' tiddewwem b'riżultat tal-kriżi attwali.

Għal din ir-raġuni, huwa ta' importanza vitali li l-miżuri l-ġodda tal-effiċjenza enerġetika jkunu parti mill-pjanijiet ta' rkupru u jiġu implimentati mingħajr dewmien. Barra minn hekk, il-mira klimatika miżjuda tal-2030 għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' mill-inqas 55 % meta mqabbla mal-1990 tkun teħtieġ ambizzjoni saħansitra ogħla fl-effiċjenza enerġetika. Jeħtieġ ukoll li jkun hemm użu aktar mifrux tal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel", sabiex il-potenzjal sħiħ u l-benefiċċji tal-iffrankar enerġetiku jiġu kkunsidrati fl-investimenti ta' rkupru. Barra minn hekk, ir-rieżami li jmiss tal-EED se jħares ukoll lejn modi kif jiġu promossi l-isforzi tal-effiċjenza enerġetika fil-livell tal-UE, peress li l-ambizzjoni kollettiva tal-Istati Membri ppreżentata fil-pjanijiet integrati tagħhom ma tilħaqx il-livell ta' sforz meħtieġ. Ir-rieżami se jkun appoġġjat mill-inizjattiva leġiżlattiva dwar il-

prodotti sostenibbli, li se tħares lejn it-twessigħ tal-approċċ tal-ekodisinn biex jinkludi kategoriji oħra ta' prodotti.

Ir-rekwiżiti tal-NZEB fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri huma inqas ambizzjużi mill-valuri referenzjali rakkomandati mill-Kummissjoni kemm fil-binjiet residenzjali kif ukoll f'dawk mhux residenzjali. Madankollu, qabel l-implimentazzjoni tal-istandards il-ġodda tal-NZEB, huwa mistenni tnaqqis sinifikanti tal-kostijiet tat-teknoloġija rilevanti, li jista' jagħmilha possibbli li jkompli jiżdied il-livell ta' ambizzjoni għall-NZEBs. Bl-introduzzjoni li jmiss tar-rekwiżiti tal-NZEB għall-binjiet ġodda kollha mill-2021, l-isfida ewlenija għad-dekarbonizzazzjoni tal-istokk tal-bini sal-2050 hija li jiżdiedu r-rati baxxi attwali ta' rinnovazzjoni u l-applikazzjoni ta' rekwiżiti minimi ambizzjużi għall-binijiet eżistenti. L-Istati Membri jippreżentaw firxa wiesgħa ta' tipi ta' bini, kundizzjonijiet klimatiċi u finanzjarji, u għalhekk huma meħtieġa miżuri mmirati biex jistimulaw diffużjoni fuq skala kbira ta' modifika retroattiva tal-NZEBs. Il-ġenerazzjonijiet futuri tal-NZEBs se jintegraw teknoloġiji intelliġenti u soluzzjonijiet tad-diġitalizzazzjoni u jistgħu wkoll jiġu estiżi u integrati fuq livell distrettwali, billi l-enfażi u l-iskala jinqalbu mill-binja unika għad-distrett.[31] L-inizjattiva tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-istrateġiji nazzjonali ta' rinnovazzjoni fit-tul huma għodod ewlenin biex jidderieġu l-finanzjament pubbliku u privat lejn proġetti ta' rinnovazzjoni, li jiffaċilitaw it-trasformazzjoni kosteffettiva ta' binjiet eżistenti f'NZEBs.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar dan ir-rapport ta' progress.

[31] Saheb, Shnapp,.and Paci (2019), *From nearly-zero energy buildings to net-zero energy districts-Lessons learned from existing EU projects*, EUR 29734 EN, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu; Shnapp, Paci, u Bertoldi, (2020), *Enabling Positive Energy Districts across Europe*: *energy efficiency couples renewable energy*, EUR 30325 EN, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

Tabella 3: Ħarsa ġenerali lejn il-varjazzjonijiet tal-indikaturi ewlenin tal-enerġija (parti 1) [32]

SM	Xejra biex tintlaħaq il-mira tal-2020		Xejra fuq żmien qasir		Intensità tal-enerġija għall-ekonomija kollha	Industrija	Residenzjali	
	Xejra tal-PEC 2005-2018 imqabbla max-xejra tal-PEC 2005-2020 biex tintlaħaq il-mira tal-2020	Xejra tal-FEC 2005-2018 meta mqabbla max-xejra tal-FEC 2005-2020 biex tintlaħaq il-mira tal-2020	Bidla fil-PEC 2018 meta mqabbla mal-PEC 2017 [%]]	Bidla fl-FEC 2018 meta mqabbla mal-FEC 2017 [%]	Bidla annwali medja tal-intensità tal-enerġija tal-PEC għall-2005-2018 [%]	Bidla medja tal-intensità tal-enerġija tal-FEC għall-2005-2018 [%]	Bida annwali medja tal-FEC f'binjiet residenzjali per capita b' korrezzjonijiet klimatiċi għall-2005-2018 [%]	Bidla annwali medja tal-FEC f'binjiet residenzjali kull m2 b' korrezzjonijiet klimatiċi għall-2005-2018 [%]
EU28	-	-	-0,6%	0,1%	-2,0%	-1,8%	-0,3%	-1,6%
BE	-	-	-4,6%	0,6%	-2,2%	-0,3%	-1,7%	-1,7%
BG	-	-	0,1%	0,2%	-2,8%	-4,1%	2,3%	-0,9%
CZ	+	+	0,1%	-0,7%	-3,1%	-4,6%	1,5%	-0,2%
DK	-	+	0,4%	0,6%	-2,0%	-2,0%	0,3%	-1,2%
DE	-	-	-2,1%	-1,5%	-2,2%	-1,4%	0,1%	-0,6%
EE	+	-	9,6%	3,4%	-1,0%	-5,5%	1,4%	0,5%
IE	-	-	1,1%	4,7%	-4,1%	-4,1%	-2,0%	-3,1%
EL	+	+	-2,8%	-2,9%	-0,6%	0,4%	-0,7%	-0,3%
ES	-	+	-0,5%	2,4%	-1,6%	-1,6%	0,7%	-1,2%
FR	-	-	-0,1%	-1,3%	-1,7%	-1,2%	0,0%	-1,0%
HR	+	+	-1,8%	-1,1%	-1,7%	-1,3%	0,6%	-1,8%
IT	+	+	-1,1%	1,1%	-1,3%	-2,3%	0,9%	0,3%
CY	-	+	0,5%	-0,3%	-1,4%	-0,7%	5,2%	-1,3%
LV	+	+	5,1%	4,1%	-1,8%	2,2%	0,5%	-1,9%
LT	+	-	2,8%	3,8%	-4,7%	-1,9%	2,2%	-1,5%
LU	+	-	4,0%	4,0%	-3,0%	-1,9%	-1,1%	-2,8%
HU	+	-	-0,1%	0,1%	-1,8%	2,2%	0,5%	-0,5%
MT	+	-	1,8%	6,1%	-4,9%	-0,4%	11,8%	1,6%
NL	-	+	-0,6%	-0,1%	-2,1%	-1,8%	-0,7%	-2,1%
AT	-	-	-3,1%	-2,5%	-1,3%	-0,8%	0,8%	-0,1%
PL	-	-	1,9%	1,4%	-2,7%	-3,7%	1,0%	-0,2%
PT	+	+	-0,7%	2,1%	-1,0%	-1,2%	0,6%	-2,4%
RO	+	+	0,4%	1,1%	-4,3%	-4,6%	1,9%	-3,0%
SI	+	+	-0,8%	0,6%	-2,0%	-2,7%	0,7%	-0,6%
SK	+	-	-2,2%	-0,1%	-4,0%	-4,0%	-0,1%	-1,2%
FI	+	+	2,0%	2,3%	-1,7%	-0,1%	0,5%	-0,9%
SE	-	-	1,3%	-0,6%	-2,5%	-1,1%	-1,0%	-1,1%
UK	+	-	-0,3%	0,7%	-3,0%	-2,8%	-1,9%	-2,3%
Data sors u tal-estrazzjoni	Eurostat 06/2020	Eurostat 06/2020	Eurostat 06/2020	Eurostat 06/2020	Eurostat 06/2020	Eurostat 06/2020	Eurostat 06/2020	Odyssee 07/2020

[32] L-intensità tal-enerġija għall-ekonomija kollha hija l-proporzjon bejn PEC2020–2030 u GDP2010. Għall-industrija u s-servizzi hija kkalkulata bħala l-proporzjon bejn il-konsum finali tal-enerġija u l-valur gross miżjud fil-volumi marbuta mill-qrib (2010). Minħabba l-limitazzjonijiet fid-*data*, għal Malta ntuża d-denominatur tal-valur miżjud gross fil-prezzijiet kurrenti.

Is-simbolu "+" jintuża jekk l-Istati Membri jkunu naqqsu l-konsum tal-enerġija primarja u l-konsum finali tagħhom bejn l-2005 u l-2018 b'rata li hija ogħla mir-rata ta' tnaqqis meħtieġa fl-2005-2020 sabiex jilħqu l-miri ta' konsum tal-enerġija primarja u tal-konsum finali għall-2020. Is-simbolu "-" jintuża għall-każijiet l-oħrajn. FEC tfisser konsum finali tal-enerġija, PEC tfisser konsum tal-enerġija primarja.

Tabella 4: Ħarsa ġenerali lejn il-varjazzjonijiet tal-indikaturi ewlenin tal-enerġija (parti 2)

SM	Servizzi	Transport			Generazzjoni	
	Bidla medja tal-intensità tal-enerġija fis-settur tas-servizzi tal-FEC għall-2005-2018 [%]	Bidla medja tas-settur tat-trasport tal-FEC għall-2005-2018 [%]	Bidla fis-sehem tal-ferroviji, tal-kowċis awtopropulsivi, tal-karozzi tal-linja u tat-trolley buses għat-trasport tal-passiġġieri tal-2017 vs. l-2005 [%]	Bidla fis-sehem tat-trasport tal-merkanzija permezz ta' passaġġi fuq l-ilma interni u bil-ferrovija tal-2017 vs. l-2005 [%]	Bidla medja annwali tal-ġenerazzjoni tas-sħana mis-CHP għall-2005-2018 [%]	Bidla medja annwali fil-proporzjoni bejn l-output tat-trasformazzjoni/l-input ta' karburant għall-ġenerazzjoni tal-enerġija termali għall-2005-2018 [%]
EU28	-1,0%	0,1%	-0,4%	-0,5%	a	1,7%
BE	-0,4%	0,2%	-2,2%	7,0%	4,1%	2,5%
BG	-0,3%	1,8%	-14,2%	-8,2%	-2,3%	0,9%
CZ	-2,2%	1,2%	1,6%	0,8%	-1,0%	0,6%
DK	-1,4%	0,0%	-2,5%	NA	-1,0%	2,9%
DE	-2,2%	0,1%	0,1%	0,8%	0,0%	2,4%
EE	0,1%	1,2%	-3,5%	NA	3,3%	0,1%
IE	-4,0%	-0,2%	-0,5%	NA	NA	3,8%
EL	2,0%	-1,5%	-4,2%	NA	1,3%	2,3%
ES	0,6%	-0,9%	-3,3%	NA	NA	2,0%
FR	-0,5%	0,2%	1,6%	0,6%	-3,5%	0,8%
HR	-0,2%	1,2%	-0,5%	-1,4%	1,1%	4,4%
IT	1,8%	-1,2%	-0,9%	5,4%	1,0%	2,6%
CY	2,2%	0,1%	NA	NA	67,4%	1,6%
LV	-1,8%	1,0%	-7,9%	NA	1,7%	-0,7%
LT	-1,8%	3,5%	-1,4%	-9,9%	-3,9%	9,2%
LU	-0,5%	-0,7%	2,6%	NA	2,2%	7,7%
HU	-5,3%	1,5%	-5,8%	-2,0%	-6,6%	0,4%
MT	-0,1%	2,8%	NA	NA	NA	4,8%
NL	-1,6%	-0,3%	2,4%	8,2%	-2,5%	0,5%
AT	-2,5%	0,4%	1,7%	9,8%	2,0%	3,0%
PL	-2,1%	4,9%	-8,9%	-13,5%	-0,9%	0,7%
PT	-0,2%	-0,7%	0,7%	NA	3,8%	5,2%
RO	-1,4%	3,4%	-4,2%	0,3%	-4,9%	0,5%
SI	-2,1%	2,6%	-0,8%	NA	0,8%	1,9%
SK	-4,4%	1,6%	-3,6%	-7,8%	-0,6%	0,3%
FI	0,3%	0,1%	0,7%	NA	-0,7%	1,3%
SE	-2,2%	-0,3%	2,2%	NA	2,2%	0,7%
UK	-1,0%	-0,2%	2,1%	-1,6%	NA	3,7%
Data sors u tal-estrazzjoni	Eurostat 06/2020	Eurostat 06/2020	DĠ MOVE Pocketbook 2019	DĠ MOVE Pocketbook 2019	Eurostat 06/2020	Eurostat 06/2020

Sors: Eurostat (il-metodoloġija antika tal-bilanċi tal-enerġija), il-JRC, l-Odyssee.

Tabella 5: Ħarsa ġenerali lejn l-iffrankar enerġetiku rrapportat għall-2018 skont l-Artikolu 7 (ktoe)

	2018			Progress lejn il-mira			
	Iffrankar ġdid	Iffrankar annwali totali	Iffrankar kumulattiv fl-2014-2018	Iffrankar kumulattiv totali meħtieġ sal-2020 (mira)	Progress lejn iffrankar kumulattiv totali meħtieġ sal-2020	Iffrankar annwali stmat meħtieġ għall-2014-2018	2014-2018 meta mqabbel mal-iffrankar annwali stmat
L-Awstrija	372	1307	4032	5200	78 %	2 786	145 %
Il-Belġju	234	1176	3879	6911	56 %	3702	105 %
Il-Bulgarija	32	175	496	1942	26 %	1040	48 %
Il-Kroazja*	3	73	248	1296	19 %	694	36 %
Ċipru	77	83	162	242	67 %	130	125 %
Iċ-Ċekja	176	577	1634	4565	36 %	2446	67 %
Id-Danimarka	173	1045	3187	3841	83 %	2058	155 %
L-Estonja	88	99	370	610	61 %	327	113 %
Il-Finlandja	543	1377	4701	4213	112 %	2257	208 %
Franza	1413	5698	17429	31384	56 %	16813	104 %
Il-Ġermanja	2950	13695	28953	41989	69 %	22494	129 %
Il-Greċja	211	474	1355	3333	41 %	1786	76 %
L-Ungerija	131	1731	1731	3680	47 %	1971	88 %
L-Irlanda	87	466	1408	2164	65 %	1159	121 %
L-Italja	3998	3998	12729	25502	50 %	13662	93 %
Il-Latvja*			436	851	51 %	456	96 %
Il-Litwanja	79	152	511	1004	51 %	538	95 %
Il-Lussemburgu	9	44	113	515	22 %	276	41 %
Malta	5	17	47	67	71 %	36	132 %
In-Netherlands	611	2274	7777	11512	68 %	6167	126 %
Il-Polonja	331	2977	8891	14818	60 %	7938	112 %
Il-Portugall*			453	2532	18 %	1356	33 %
Ir-Rumanija	59	366	1343	5817	23 %	3116	43 %
Is-Slovakkja	106	466	1420	2284	62 %	1224	116 %
Is-Slovenja	38	133	447	945	47 %	506	88 %
Spanja	539	2296	6958	15979	44 %	8560	81 %
L-Iżvezja	1436	1436	4654	9114	51 %	4883	95 %
Ir-Renju Unit	1032	5056	18469	27859	66 %	14924	124 %
Total	**14634**	**80692**	**134068**	**230169**	**58 %**	**123305**	**109 %**

Sors: Informazzjoni rrapportata mill-Istati Membri u kkomplementata mill-kalkoli u l-istimi tal-Kummissjoni fejn meħtieġ.

* Id-*data* dwar l-iffrankar tal-enerġija miksub fl-2018 ma kinitx disponibbli għall-analiżi għall-Kroazja, il-Latvja u l-Portugall. L-iffrankar kumulattiv matul l-2014-2018 huwa bbażat fuq l-iffrankar enerġetiku miksub fis-snin preċedenti sal-2017, iżda ma jinkludix iffrankar ġdid għall-2018.

Tabella 6: Projezzjonijiet u probabbiltà li tintlaħaq il-mira tal-Artikolu 7 għal kull Stat Membru sal-31 ta' Diċembru 2020 *

Xenarju 1 (meta l-proporzjon ta' ffrankar ġdid meta mqabbel mal-iffrankar annwali totali < 40 %)			
Stat Membru	Iffrankar previst f'ktoe b'iffrankar annwali totali mill-2018 li jkompli jwassal sal-2020 u ffrankar ġdid bħal fl-2018 sal-2020	Mira relattiva milħuqa fl-2020 (iffrankar iproġettat meta mqabbel mal-mira tal-iffrankar)	Probabbiltà ta' kisba tal-mira
L-Awstrija	7391	142 %	probabbiltà għolja ħafna
Il-Belġju	6700	97 %	aktarx
Il-Bulgarija	909	47 %	xejn probabbli
Il-Kroazja	399	31 %	xejn probabbli
Iċ-Ċekja	3140	69 %	xejn probabbli
Id-Danimarka	5624	146 %	probabbiltà għolja ħafna
Franza	31651	101 %	aktarx
L-Ungerija	5455	148 %	probabbiltà għolja ħafna
L-Irlanda	2513	116 %	probabbiltà għolja ħafna
L-Italja	28721	113 %	probabbiltà għolja ħafna
Il-Lussemburgu	218	42 %	xejn probabbli
In-Netherlands	13547	118 %	probabbiltà għolja ħafna
Il-Polonja	15506	105 %	aktarx
Il-Portugall	846	33 %	xejn probabbli
Ir-Rumanija	2192	38 %	xejn probabbli
Is-Slovakkja	2564	112 %	probabbiltà għolja ħafna
Is-Slovenja	788	83 %	improbabbli
Spanja	12628	79 %	improbabbli
Ir-Renju Unit	30645	110 %	aktarx
Xenarju 2 (meta l-proporzjon ta' ffrankar ġdid meta mqabbel mal-iffrankar annwali totali > 90 %)			
Stat Membru	Iffrankar previst f'ktoe b'iffrankar annwali ġdid sal-2020 bħal fl-2017 (tul tal-ħajja = sena 1)	Mira relattiva milħuqa fl-2020 (iffrankar iproġettat meta mqabbel mal-mira tal-iffrankar)	Probabbiltà ta' kisba tal-mira
Ċipru	316	131 %	probabbiltà għolja ħafna
L-Estonja	546	90 %	improbabbli
Il-Litwanja	669	67 %	xejn probabbli
L-Iżvezja	7526	83 %	improbabbli
Xenarju 3 (meta l-proporzjon ta' ffrankar ġdid meta mqabbel mal-iffrankar annwali totali > 40 % iżda < 90 %)			
Stat Membru	Iffrankar iproġettat f'ktoe b'iffrankar annwali ġdid sal-2020 bħal fl-2018 (75 % tul tal-ħajja > 7 snin; 25 % tul tal-ħajja = sena 1)	Mira relattiva milħuqa fl-2020 (iffrankar iproġettat meta mqabbel mal-mira tal-iffrankar)	Probabbiltà ta' kisba tal-mira
Il-Finlandja	8260	196 %	probabbiltà għolja ħafna
Il-Ġermanja	57608	137 %	probabbiltà għolja ħafna
Il-Greċja	2647	79 %	improbabbli

Malta	87	129 %	probabbiltà għolja ħafna

* L-Istati Membri kollha ġew ikklassifikati skont it-tul ta' ħajja stmat tal-miżuri implimentati. Din il-valutazzjoni kienet ibbażata fuq tqabbil tar-rata ta' ffrankar enerġetiku ġdid meta mqabbel mal-iffrankar annwali totali biex jiġu identifikati t-tul ta' ħajja mistenni tal-miżuri ta' politika implimentati. Il-valutazzjoni wasslet għal tliet xenarji. Fejn il-proporzjon ta' ffrankar ġdid imqabbel mal-iffrankar annwali totali huwa ~1, it-tul tal-ħajja preżunt ta' miżura implimentata huwa ta' sena (1) (xenarju 1). Jekk il-proporzjon huwa < 40 % (għas-sena 2017), it-tul tal-preżunt ta' miżuri implimentati huwa itwal minn 7 snin (xenarju 2). Għal proporzjon bejniethom, jintuża xenarju mħallat (xenarju 3). Ġiet applikata r-regola li ġejja għall-valutazzjoni tal-probabbiltà li tintlaħaq il-mira

Kisba relattiva tal-mira fl-2020	**Valutazzjoni tal-probabbiltà**
> 105 %	probabbiltà għolja ħafna
>95 %	aktarx
>75 %	improbabbli
<75 %	xejn probabbli